PSC 37/61/V (16)



Ngħarrfu wkoll illi s-Sur Frederick Mifsud Bonnici, F.C.A., F.I.A., C.P.A.A. ma baqax membru tal-Bord b'seħħ mit-3 ta' Frar, 1999.

It-12 ta' Frar, 1999

Nru. 123

## IL-KOSTITUZZJONI TA' MALTA

### Delega ta' Ċerti Setgħat dwar is-Servizz Pubbliku

MILL-ONOREVOLI Dott. Eddie Fenech Adami, K.U.O.M., B.A., LL.D., M.P., Prim Ministru ta' Malta.

BILLI l-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi li s-setgħa li jneħħi u li jeżerċita kontroll dixxiplinari fuq persuni li jkollhom jew ikunu jaġixxu f'karigi pubbliċi tkun fil-Prim Ministru, li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku;

U BILLI huwa pprovdut ukoll fl-imsemmi artikolu li l-Prim Ministru, jista', billi jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, jiddelega bil-miktub kull waħda mis-setgħat hawn fuq imsemmija lil dak l-uffiċjal pubbliku jew awtorità oħra kif jistgħu jkunu speċifikati fid-dokument ta' delega;

U BILLI l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku rrikkmandat li, fil-każ ta' ħatriet temporanji ta' kapijiet ta' dipartiment, il-poter li jsiru ħatriet temporanji għandu jingħata lis-Segretarju Permanenti, Uffiċċju tal-Prim Ministru u li l-poter jiġi eżerċitat mill-istess Segretarju Permanenti, Uffiċċ ju tal-Prim Ministru mingħajr ma jirreferi għal Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kemm-il darba:

(a) l-uffiċjal pubbliku li se jiġi nominat huwa l-iżjed uffiċjal pubbliku anzjan fid-dipartiment, u

(b) il-kariga ta' kap ta' dipartiment li għaliha ssir il-ħatra temporanja m'hijiex vakanti,

U BILLI jiena naqbel ma' tali rakkomandazzjoni;

ISSA, GĦALHEKK, jiena Dott. Eddie Fenech Adami, K.U.O.M., B.A., LL.D., M.P., Prim Ministru, bis-saħħa tal-poteri mogħtija bl-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni, qiegħed b'din nordna li s-setgħa skond kif imfisser hawn fuq, il-

It is further notified that Mr Frederick Mifsud Bonnici, F.C.A., F.I.A., C.P.A.A. has ceased to be a member of the Board with effect from 3rd February, 1999.

12th February, 1999

No. 123

## THE CONSTITUTION OF MALTA

### Delegation of Certain Powers respecting the Public Service

BY THE HONOURABLE Dr Eddie Fenech Adami, K.U.O.M., B.A., LL.D., M.P., Prime Minister of Malta.

WHEREAS section 110 of the Constitution of Malta provides that power to remove and to exercise disciplinary control over persons holding or acting in public offices shall vest in the Prime Minister, acting on the recommendation of the Public Service Commission;

AND WHEREAS it is further provided in the said section that the Prime Minister, acting on the recommendation of the Public Service Commission, may delegate in writing any of the aforementioned powers to such public officer or other authority as may be specified in the said written instrument of delegation;

AND WHEREAS, the Public Service Commission has recommended that, in the case of acting appointments of heads of department, the power to make acting appointments shall be delegated to the Permanent Secretary, Office of the Prime Minister and that that power shall be exercisable by the said Permanent Secretary, Office of the Prime Minister without reference to the Public Service Commission provided that:

(a) the public officer to be appointed is the most senior public officer in the department, and

(b) the position of head of department to which an acting appointment is being made is not vacant,

AND WHEREAS I concur with such recommendation;

NOW, therefore, I, Dr Eddie Fenech Adami, K.U.O.M., B.A., LL.D., M.P., Prime Minister, in exercise of the powers conferred by section 110 of the Constitution, do hereby direct that the power which, as aforesaid, the Public Service Commission has recommended should be

Kummissjoni dwar is-Servizzi Pubbliku rrakkomandat, li għandha tkun eżerċitabbli mis-Segretarju Permanenti, Uffiċċju tal-Prim Ministru, għandha tkun hekk eżerċitabbli mis-Segretarju Permanenti, Uffiċċju tal-Prim Ministru mingħajr ma jirreferi għall-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

(Iff.) Eddie Fenech Adami
Mogħti taħt il-firma tiegħi
fil-Berġa ta' Kastilja, Valletta,
illum, l-1 jum ta' Frar, 1999.

exercisable by the Permanent Secretary, Office of the Prime Minister, be so exercisable by the Permanent Secretary, Office of the Prime Minister without reference to the Public Service Commission.

(Sgd) Eddie Fenech Adami
Given under my hand at the
Auberge de Castille, Valletta,
this 1st day of February, 1999.

## Nru. 124

## ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR (XOGĦOL)

IL-PRIM Ministru approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

## No. 124

## APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR (LABOUR)

THE Prime Minister has approved the following acting appointment:–

| ISEM<br>*NAME* | POST<br>*POST* | DIPARTIMENT<br>*DEPARTMENT* | DATA EFFETTIVA<br>*EFFECTIVE DATE* |
|---|---|---|---|
| Mr Frank Pullicino | Direttur<br>*Director* | Xogħol<br>*Labour* | 4.1.1999 |

It-12 ta' Frar, 1999

12th February, 1999

## Nru. 125

## 'WARRANT' MILL-PRIM MINISTRU

BILLI huwa pprovdut bis-subartikolu (2) ta' l-artikolu (3) ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'Setgħa li jagħtu Ġurament (Kap. 79) illi l-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja jista', minn żmien għal żmien, jaħtar persuni li jkunu jew ma jkunux uffiċjali pubbliċi, li jkunu qegħdin jaqdu funzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-servizz barrani tal-Gvern f'xi pajjiż barra minn Malta, biex ikunu Kummissjunarji b'Setgħa li jagħtu Ġurament f'dak il-pajjiż;

U BILLI huwa meħtieġ li naħtar lis-Sur John Gatt Rutter, lis-Sur Bernard Cachia, lil Dott. Cajetan Schembri u lis-Sinjorina Michelle Micallef, Kummissjunarji b'Setgħa li jagħtu Ġurament, kif imsemmi hawn fuq;

## No. 125

## WARRANT BY THE PRIME MINISTER

WHEREAS it is provided in sub-section (2) of Section (3) of the Commissioners for Oaths Ordinance (Cap. 79) that the Minister responsible for Justice, may from time to time appoint persons, whether or not they are public officers, performing functions relating to the foreign service of the Government in any country outside Malta, to be Commissioners for Oaths;

AND WHEREAS it is necessary to appoint Mr John Gatt Rutter, Mr Bernard Cachia, Dr Cajetan Schembri, and Miss Michelle Micallef, Commissioner for Oaths, as aforesaid;